# QORTI TA' L-APPELL

**IMHALLFIN**

**S.T.O. JOSEPH SAID PULLICINO B.A. (HONS), LL.D. - PRESIDENT**
**ONOR. JOSEPH A FILLETTI B.A., LL.D., A R HIST S**
**ONOR. FRANCO DEPASQUALE B.A., LL.D.**

**Seduta ta’ nhar it-Tlieta, 19 ta’ Gunju 2001**

**Numru**
**Citaz. Nru. 953/94**

**Carmelo u Carmen konjugi Briffa**

**Vs**

**Louis u Rita konjugi Bonello**

**Il-Qorti,**

Rat ic-citazzjoni li permezz taghha l-atturi ppremettew:-

Illi l-konvenuti huma debituri, veri, certi u likwidi ta’ l-atturi fis-somma ta’ elfejn disa’ mija u erbatax-il lira Maltin (Lm2914) liema somma

tirrapprezenta bilanc ta’ somma dovuta wara self kif jirrizulta minn skrittura tas-7 ta’ Jannar tas-sena elf disa’ mija u tnejn u disghin annessa mac-citazzjoni bhala Dokument “A”;

Illi nterpellata biex thallas dan l-ammont il-konvenuta baqghet inadempjenti;

Talbu ghalhekk l-atturi lil Qorti sabiex:-

1. Prevja kull dikjarazzjoni li talvolta tkun necessarja tordna l-konvenuti jhallsu lill-atturi l-ammont ta’ elfejn disa’ mija u erbatax-il lira Maltin (Lm2914);

Bl-ispejjez inkluzi dawk taz-zewg ittri interpellatorji datati 30 ta’ Mejju 1994 u 6 ta’ Gunju 1994 u bl-interessi;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess atturi u l-lista tax-xhieda minnhom indikati flimkien ma' l-elenku tad-dokumenti esebiti;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuti illi permezz taghha huma eccipew:-

1. Illi l-pretensjonijiet attrici kienu nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghalhekk it-talbiet attrici kellhom jigu michuda bl-ispejjez stante li huma kienu effettwaw pagamenti mensili sostanzjali versu l-atturi mill-ammont dovut liema pagamenti ma gewx interrotti u liema bilanc l-esponenti komplew ihallsu anke meta l-atturi rrifjutaw li

jaghtu lill-esponenti rendikont tal-hlas minnhom versat;

Ghamlu wkoll riserva ghall eccezzjonijiet ulterjuri;

Rat id-dikjrazzjoni guramentata ta' l-istess konvenuti u l-lista tax-xhieda minnhom indikati;

Rat is-Sentenza moghtija mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fis-17 ta' Gunju 1999 fejn wara d-debiti konsiderazzjonijiet, gew michuda l-eccezzjonijiet tal-konvenuti u milqugha t-talbiet attrici u l-konvenuti ghalhekk gew ikkundannati jhallsu lill-atturi s-somma ta' Lm2914 kif mitluba fic-citazzjoni;

Rat ir-Rikors ta' l-Appell tal-konvenuti appellanti li huma ibbazaw fuq in-nullita` tas-sentenza a bazi ta' difett ta' procedura, u dwar il-posizzjoni ta' l-esponent Louis Bonello, zewg il-konvenuta l-ohra Rita Bonello, kif ukoll l-aggravju li l-Ewwel Qorti waslet ghal decizjoni zbaljata minhabba konsiderazzjonijiet zbaljati u waslet ukoll ghall-konkluzjoni zbaljata dwar il-kwistjoni ta' l-uzura;

Rat ir-Risposta tal-konjugi Briffa appellati fejn wara li wiegbu ghall-aggravji indikati mill-appellanti, talbu li s-sentenza appellata tigi konfermata;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Ikkonsidrat:-

Illi din il-kawza tirrigwarda self li kien isir bejn zewg nisa u li dwaru ma kienx hemm id-dokumenti kollha tad-diversi pagamenti kollha effettwati minn parti lill-ohra;

Illi rrizulta pero` li f'mument minnhom iz-zewg partijiet marru ghand avukat biex jigbdu l-linja u giet redatta l-iskrittura li tinsab a fol 5 tal-process fejn Rita Bonello iddikjarat li kienet vera, certa u likwida debitrici versu Carmen Briffa fis-somma ta' Lm4234;

Illi wara din id-data saru diversi pagamenti akkont u dwar dawn il-pagamenti jidher li ma hemmx xi divergenzi kbar bejn il-kontendenti. Illi wara li mexa pjuttost kollox sewwa ghal certu zmien dawn il-pagamenti bdew jitwalu u anke waqfu u dan in-nuqqas ta lok ghal proceduri odjerni;

Illi l-ewwel aggravju sollevat mill-appellanti jirrigwarda l-procedura u huma jissottomettu illi s-sentenza kienet nulla a bazi ta' difett fil-procedura applikata mill-Qorti. Dina l-Qorti ezaminat ir-rikorsi u d-digrieti relattivi u rat ukoll il-verbali ta' l-ahhar seduti u konsegwentement tara aktar minn gustifikata l-Ewwel Qorti meta fis-sentenza qalet "*ma tistax ma tirrimarkax fin-nuqqas ta' interess muri mill-konvenuti f'din il-kawza*" u dwar l-allegat provi

l-ohra li l-appellanti seta' kellhom u li huma ressqu quddiem il-Qorti "*inghataw diversi opportunitajiet biex dan jaghmluh pero`, nonostante, naqsu milli jaghmluh.*";

Illi wara konsiderazzjoni dwar dawn ic-cirkostanzi kollha l-Qorti tichad dan l-aggravju relattiv ghal procedura;

Illi t-tieni aggravju sollevat jirrigwarda lill-konvenut Louis Bonello zewg il-konvenuta Rita Bonello firmitarja ta' l-iskrittura imsemmija, fis-sens li ssottomettew li l-Qorti ghandha tillibera lill-istess Louis Bonello mill-osservanza tal-gudizzju peress li ma kellu l-ebda relazzjoni guridika ma' l-atturi;

Illi l-Qorti ma tistax ma taghmilx referenza ghad-dikjrazzjoni guramentata tal-konvenuti fejn m'ghamlu ebda referenza ghal lanjanza simili u ressqu eccezzjonijiet flimkien. Illi l-konvenut Bonello naqas li jressaq provi illi huwa ma kienx jaf bid-dejn ta' martu jew li dawn il-flus li martu kienet qed tissellef kienu qed jigu uzati ghal hag' ohra hlief ghall-uzu tal-familja taghhom. Irrizulta wkoll illi l-konvenuta kienet imdorrija tiehu b'self minghand terzi u fi kliemha stess "*ir-ragel tieghi issa jaf b'dan id-dejn. Ir-ragel tieghi sar jaf meta kelli kawza ma' haddiehor. Ir-ragel tieghi sar jaf ghax ghidtlu jien.*" Il-Qorti quddiem dawn ir-rizultanzi tifhem li l-konvenut Louis Bonello kien jaf li martu kienet tissellef il-flus u inoltre illi dawn il-flus kienu qed jintefqu ghall-familja; konsegwentement anke dan l-aggravju ghandu jigi michud;

Illi dwar it-tielet u r-raba' aggravji rrizulta li l-posizzjoni tal-konvenuti tirreferi ghal data ta' meta saret l-iskrittura imsemmija peress illi huma jghidu illi l-ammont dovut ma kienx dak indikat izda illi l-konvenuta ffirmat dik l-iskrittura ghaliex kienet mheddha u ghaliex kien hemm qerq;

Illi ma jidhirx car ghaliex l-appellanti qeghdin jinsistu fuq li "*il-konvenuta giet mhedda li jekk ma tiffirmax li hija ghandha taghti Lm4234, l-atturi kienu sejrin jinfurmaw lil zewgha bid-dejn imsemmi.*" In fatti fl-istess paragrafu l-appellanti jkomplu jissottomettu li l-istess konvenuta "*Rita Bonello ma kellhiex idea ta' l-ammont li kellha taghti*". L-allegazzjoni ta' theddid setghet taghmel sens kieku kienet taf li ma kelliex thallas dik is-somma imma somma anqas; fl-istess stqarrija ta' l-appellanti hija ma kienetx taf jekk kellhiex thallas Lm4234 jew le. Jigifieri setghet tghid li ffirmatha b'injoranza imma ma tistax tghid illi kien hemm xi pressjoni fuqha stante illi f'dak il-mument hija ma kienetx teskludi l-possibilita` illi verament kellha thallas Lm4234. L-istess appellanti jkomplu jghidu li kien biss "*maz-zmien li l-esponenti bdiet thoss li hija setghet giet ingannata*";

Illi l-appellanti ssottomettew ukoll li l-Qorti ta' Prim' Istanza spiccat biex strahet fuq skrittura prokurata b'qerq. Il-Qorti ma tifhimx kif setghet giet prokurata b'qerq meta l-appellanti ma kienetx taf x'kellha taghti u accettat liberament il-konteggi tal-parti l-ohra. Il-Qorti ghalhekk ma tarax li l-allegazzjoni ta'

qerq u ta' thedid ezercitat fuq l-appellanti hija sostenibbli.

Illi l-kontendenti jaqblu dwar dak li gara wara d-data ta' l-iskrittura imma l-appellanti jattakkaw biss il-kontenut ta' l-imsemmija skrittura; ghalhekk il-Qorti taqbel ma' l-Ewwel Qorti li "*kien jispetta lill-konvenuti li jgibu l-provi necessarji biex jinnegaw din l-iskrittura. Bir-rispett kollu lejhom dan ma ghamluhx.*"

Illi meta kienu ffaccjati b'tali skrittura li dwarha kif inghad ma rrizulta ebda qerq jew theddid, u li dwarha xehed ukoll l-avukat li rredigiha u bla ebda mod ma indika xi forma ta' pressjoni, din il-Qorti ma tifhimx kif l-appellanti fir-rikors ta' l-appell taghhom issottomettew "*anzi, ghal kuntrarju, l-onus tal-prova qieghed aktar fuq l-attrici ghaliex min isellef ghandu interess jikkonserva provi cari ta' dak is-self, u mhux min jissellef*".

Illi l-Ewwel Qorti kkonsidrat bir-reqqa l-bosta dokumenti esebiti u kienet aktar minn gustifikata fl-osservazzjonijiet taghha dwar l-intelligibilita` ta' bosta minnhom. Ghalkemm din il-Qorti ma ghandix tidhol fil-konsiderazzjoni ta' punti fattwali, taqbel ma' l-Ewwel Qorti dwar l-interpretazzjoni tal-bosta cifri mitfuha f'dawn id-dokumenti u fix-xhieda li inghatat;

Illi fis-sentenza appellata, ghalkemm fl-eccezzjoni ma saret l-ebda referenza ghal dan u anqas intalbet il-fakolta li ssir nota ta' eccezzjonijiet ulterjuri, l-Ewwel Qorti qajmet ukoll il-kwistjoni ta' l-uzura li ssemmiet fi

stadju avvanzat hafna tal-provi. L-appellanti ssottomettew illi Rita Bonello "*ma kienetx konsapevoli mid-drittijiet taghha fil-kazi ta' uzura*", pero` din il-Qorti tifhem li anki jekk il-konvenuta ma kienetx taf dwar dan "id-dritt" (ghalkemm dan mhux wisq kredibbli minn persuna li kienet ilha zmien twil tissellef il-flus) certament kienet taf bil-posizzjoni legali meta hejjiet in-nota ta' l-eccezzjonijiet u d-dikjarazzjoni guramentata taghha; hamsa u ghoxrin fil-mija (25%) imghax zgur li ma hijiex rata illi wiehed jista' jaccettaha bhala normali, u ma setghetx tigi accettata b'ghajnejn maghluqa u minghajr suspetti!

Anki dwar dan il- punt il-Qorti taghmel referenza ghall-ezami dettaljat li ghamlet l-Ewwel Qorti biex tipprova tibni fuq dina l-allegazzjoni u ghalhekk il-Qorti hija tal-fehma li l-konvenuti bl-ebda mod ma rnexxielhom jippruvaw illi kien hemm l-uzura imsemmija;

Illi wara dak li inghad aktar 'il fuq dwar l-aggravju relattiv ghal procedura din il-Qorti sejra tikkonsidra r-rikors intavolat mill-appellanti fit-22 ta' Marzu 2001 ghas-sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza u ghall-awtorizazzjoni tal-produzzjoni ta' provi ohra; ma inghatatx spjegazzjoni kif il-konferma mill-Monte di Pieta` waslet lill-appellanti wara li l-appell kien gie ttrattat u anki mholli ghas-sentenza aktar minn darba; ikkonsidrat ukoll l-ispjegazzjoni moghtija mill-appellati fir-risposta taghhom dwar il-poloz imsemmija fir-rikors u xi proceduri ohra pendenti bejn l-istess kontendenti

quddiem Qorti ohra, u fid-dawl ta' dana kollu tichad it-talba kontenuta fl-imsemmi rikors.

Ghal dawn il-motivi;

Il-Qorti tiddeciedi dan ir-Rikors ta' Appell billi:-

Tichad dan l-Appell u tikkonferma s-Sentenza moghtija mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fis-17 ta' Gunju 1999 u tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-atturi s-somma ta' elfejn, disa’ mija u erbatax-il lira Maltija (Lm2914) flimkien ma' l-imghax legali kif mitlub fic-citazzjoni.

L-ispejjez jithallsu mill-konvenuti.

Deputat Registratur